# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 10**

**Avviz numru 1454/00/SM**

**Earthcare Company Limited**

**vs**

**Noel Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin (LM457.00,0), rapprezentanti inter alia, kiri ta' jigger, JCB, bobcat u power wash gun, spejjez tad-diesel supplit lilu kif ukoll ta' hsarat ikkawzati minnu**

**f’zewg vetturi tas-socjeta’ attrici u dan kif jista’ jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Bl-ispejjez u l-interessi legali inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Settembru, 1999 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 ta’ Dicembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament l-fatt illi l-konvenut qatt ma dahal f’kuntratt ta’ kiri t’apparat minghand is-socjeta’ attrici u jekk intuza xi apparat tas-socjeta’ attrici mill-konvenut dan sar ghax l-istess socjeta’ attrici ppermettiet lill-konvenut li juza l-apparat b'mod gratuitu, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;**

2. **Illi in kwantu jirrigwarda l-allegati danni, il-konvenut jeccepixxi illi huwa ma hux responsabbli ghal dawn id-danni;**

3. **Illi in sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont rikjest huwa esagerat;**

4. **Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li tibqa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Illi nnontat li ghalkemm is-socjeta’ attrici kellha diversi okkazzjonijiet fejn l-udjenza kienet rizervata ghall-provi taghha izda, nonostante dan, baqghet ma resqet l-ebda xhieda in sostenn tat-tezi taghha, tiddeciedi li tirrespingi t-talbiet taghha stante li m’humiex pruvati, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**